Minuti tat-tmienja u għoxrin (28) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li ssejħet b'urġenza u li saret fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2010 fil-5.30 p.m.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi Sindku: | Is-Sur Anthony Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |
| Skużat: | Il-Kunsillier is-Sur Lorry Apap |

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permess ta' talba fil-5.40 p.m.

## 2. *FINANCIAL STATEMENTS* GĦAS-SENA LI GĦALQET FIL-31 TA' DICEMBRU 2009

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti li l-laqgħa kellha tissejjaħ b'urġenza minħabba l-fatt li sad-9 ta' Frar 2010 I l-Kunsill kellu jissottometti l-*Financial Statements* għas-sena li għalqet fil-31 ta' Dicembru 2009 lil Awditur Ġenerali, Awdituri tal-Kunsill, u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta quddiem il-Kunsill il-*Financial Statements* li dawn ġew ippreparati mis-Sinjura Johanna Caruana bil-kollaborazzjoni tal-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Josephine Borg.

Il-Kunsill qabel fuq il-korrettezza ta' dawn id-dokumenti, u wara ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.55 p.m.

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana
Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt